MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 70/2004

**Alfred SCIBERRAS**

**vs**

**Walter STEEL**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Jannar, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li l-imħarrek jinstab ħati li ħabat għalih u darbu b'daqqa ta' sikkina waqt inċident li seħħ fis-17 t'Awissu, 2003, u li għalhekk jaħti għad-danni li ġarrab l-attur. Talab il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas tad-danni likwidati;

Rat is-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu, 2006[1], li biha sabet li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-ġrieħi mġarrbin

[1] Paġġ. 115 sa 122 tal-proċess

mill-attur waqt taqbida bejn l-imħarrek u wieħed Frans Abela li saret fis-17 ta' Awissu, 2003, u ħalliet il-kawża biex jitressqu l-provi dwar id-danni mġarrbin mill-attur;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-attur għall-finijiet tad-danni mġarrba;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukat tal-attur;

Reġgħet rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar il-likwidazzjoni tad-danni;

***Ikkunsidrat:***

Illi ladarba l-Qorti diġa' waslet għall-fehma li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-ġrieħi li ġarrab l-attur u għad-danni li l-istess attur se' jibqa' jġorr fuqu minħabba fihom, jibqa' biss li l-imsemmija danni jiġu likwidati. L-attur m'huwiex qiegħed jitlob l-ebda danni emerġenti, imma biss likwidazzjoni minħabba li jgħid li l-ġrieħi li ġarrab ħallewlu debilita' parzjali li ma tmur qatt. F'dan ir-rigward, huwa ressaq ċertifikat mediku minn kirurgu kwalifikat "*ex parte*"[2], li juri din id-debilita';

Illi dwar il-kriterji tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*, jidher xieraq li jingħad li, kif ingħad għadd ta' drabi, l-komputazzjoni tad-danni mġarrba trid tkun marbuta mar-rejalta' tal-ħajja tal-parti li ġġarrab id-danni[3]. Dan jgħin biex il-Qorti tkun tista' tqis, safejn umanament possibbli fejn jidħol it-tbassir ta' x'jista' jiġri fil-ġejjieni, dawk iċ-ċirkostanzi kollha meħtieġa biex tasal li tagħmel ħaqq mal-partijiet. Dan jingħad għaliex, fejn toħroġ ħtija ta' xi parti minħabba għamil tagħha, il-Qorti għandha tagħmel ħaqq mhux biss mal-vittma (billi tagħtiha kumpens xieraq għall-ħsara mġarrba), imma wkoll ma' min ikun jaħti (billi l-

[2] Dok "AS1", f'paġġ. 5 sa 7 tal-proċess
[3] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***

kumpens li tikkundannaha tħallas ikun wieħed xieraq u mistħoqq fiċ-ċirkostanzi)[4];

Illi għalhekk, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[5];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[6], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[7], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li

[4] App. Ċiv. **3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Żammit***
[5] Peter Cane, _*Atiyah's Accidents, Compensation and the Law*_ (6th Edit, 1999), paġ. 122
[6] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***
[7] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***

kienet qabel l-inċident[8], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[9];

Illi fir-rigward tal-iffissar tal-*multiplier* wieħed iqis l-iżvilupp milħuq fid-dinja tal-previdenza, fejn ix-xejra hi fis-sens li l-eta' li wieħed jirtira mix-xogħol qegħda titgħolla. Minbarra dan, u b'żieda ma' l-effetti ta' din ix-xejra, wieħed irid jaħseb li s-saħħa li l-bniedem ikollu biex jibqa' jaħdem wara li jirtira mix-xogħol hija kunsiderazzjoni li l-Qorti ma tistax twarrab minn quddiemha meta tiġi biex tqis l-għadd ta' snin li fihom il-persuna mġarrba tkun tista' tibqa' tgħajjex lilha nnifisha[10] (ukoll jekk tkun waslet f'eta' pensjonabbli skond il-liġi fis-seħħ dak iż-żmien). F'dan ir-rigward, il-kriterju tal-kumpens isir jintrabat ukoll mal-kwestjoni dwar jekk id-debilita' li l-persuna tkun qegħda ġġorr magħha minħabba l-inċident hijiex ta' xkiel biex dik il-persuna tkompli tagħmel xogħol li jġibilha dħul;

Illi dan jingħad ukoll għaliex il-kejl tal-kumpens ma kellux jittiefes bi tnaqqis ta' xi kontribuzzjonijiet ta' taxxa[11] u lanqas dawk ta' ħlasijiet dwar is-sigurta' soċjali[12];

Illi għalhekk, sakemm ma jkunx hemm raġuni tajba li twassal lill-Qorti biex tagħmel dan, ma jkunx xieraq li l-aspettativa tal-ħajja tal-vittma titqies aqsar minn dik li fir-rejalta' wieħed jistenna li se' tkun il-ħajja tax-xogħol tiegħu[13]. Dan jidher li jkun japplika aktar fejn il-persuna mġarrba jkollha familja dipendenti minnha;

Illi, applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mill-atti tal-kawża, joħroġ li l-attur kellu erbgħa u erbgħin (44) sena meta seħħ l-inċident u li kien jaqla' sitt elef u mija u

---

[8] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***

[9] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services*** Limited ;u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***

[10] App. Ċiv. **30.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Elvira Abela et vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)

[11] P.A. **29.1.1972** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Giovanni Bonello noe vs Tarcisio Gatt*** (mhix pubblikata); u P.A. **23.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Farruġia*** (mhix pubblikata)

[12] Kumm. **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe pro et noe vs Abela*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.163**)

[13] P.A. **13.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arthur Bonello et vs James Camilleri et*** (mhix pubblikata)

sebgħa u erbgħin lira Maltija (Lm 6147) fis-sena gross[14]. Ma ngħata l-ebda tagħrif ieħor dwar id-dħul tal-attur, partikolarment dak fis-sena li fiha ndarab fl-inċident mertu tal-każ. Mill-għamla ta' impieg tiegħu, ma jidhirx li huwa għandu bosta opportunitajiet li jitla' fil-gradi tal-post tax-xogħol tiegħu, għalkemm l-għamla ta' xogħol huwa wieħed meqjus bħala speċjalizzat. Lanqas intwera li, minbarra l-paga tiegħu, jagħmel xi sahra. Iżda l-Qorti trid tqis ukoll li skond ix-xejra tal-ħajja, l-paga tal-attur qegħda tiżdied b'daqstant kultant żmien li jiġġustifika li jitqies id-dħul tiegħu gross bħala bażi tal-kalkolu tal-kumpens mistħoqq[15]. Minbarra dan, joħroġ ukoll li l-għamla tax-xogħol tiegħu titlob l-użu ta' dirgħajn b'saħħithom[16], u l-fatt li l-ġrieħi li ġarrab affettwawlu sewwa s-saħħa ta' drigħ minnhom għandu jkun ta' siwi u rilevanza biex jitqies xi ħsara effettiva ġarrab l-attur minħabba l-ġrieħi li sofra;

Illi, ukoll fid-dawl ta' dak li ngħad iżjed 'il fuq, il-Qorti sejra tqis *multiplier* ta' sbatax (17) bħala applikabbli għall-każ tal-attur;

Illi dwar il-grad ta' debilita', l-attur jingħad li ġarrab debilita' permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). Huwa minnu li din il-perċentwali toħroġ minn rapport mediku *ex parte*, iżda l-Qorti tagħżel li toqgħod fuq dak ir-rapport għaliex, bil-liġi[17] l-fehma ta' persuna esperta fil-qasam tgħodd bħala prova fiha nfisha tal-fatt dikjarat. Minbarra dan, l-imħarrek ma ressaq l-ebda kontestazzjoni għall-konklużjoni milħuqa mill-espert *ex parte*, u lanqas ressaq xi prova oħra li twaqqa' dik il-fehma, ukoll meta tella' lix-xhud espert fil-kontro-eżami[18];

Illi, għalhekk, il-Qorti qegħda tqis li d-danni li ġarrab l-attur jitilgħu għal sitta u għoxrin elf mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 26,125) [Lm 6147 x 0.25[19] x 17[20]]. Ladarba s-somma hekk likwidata qegħda tingħata f'daqqa, u ż-żmien li ilha tinstama' l-kawża sa minn mindu tressqet iċ-

[14] Dok "AS8", f'paġ. 126 tal-proċess
[15] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap vs Deġiorġio*** (mhix pubblikata)
[16] Ara paġ. 7 tal-proċess
[17] Art. 563A tal-Kap 12
[18] Xhieda ta' l-Prof. Sultana 25.2.2005, f'paġ. 58 tal-proċess
[19] Jiġifieri l-25% grad ta' debilita'
[20] Il-*multiplier* applikat għall-każ

Ċitazzjoni ma jirriżultax li kien imtawwal bla ħtieġa, mis-somma msemmija għandu jitnaqqas is-sehem tal-*lump sum payment* li huwa stabilit bħala għoxrin fil-mija (20%) tas-somma likwidata[21]. Dan jammonta għal ħamest elef mitejn u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 5225). Dan iġib li l-attur għandu jirċievi s-somma ta' għoxrin elf u disa' mitt lira Maltija (Lm 20,900) għas-saldu tad-danni minnu mġarrba fl-inċident imsemmi bi ħtija tal-imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tipprovdi dwar it-tieni talba attriċi,** billi tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fl-inċident mertu tal-każ fis-somma ta' għoxrin elf u disa' mitt lira Maltija (Lm 20,900);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' Lm 20,900 bħala danni likwidati minħabba l-inċident mertu tal-każ, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[21] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs Sammy Meilaq noe***